



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

30.7.2014

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett:** Petizzjoni 1496/2013, impressqa minn Mara Zabala Polla, ta' ċittadinanza Spanjola, dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità meta jivvjaġġaw bl-ajru

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanta għandha problemi ta' mobilità u tivvjaġġa b'siġġu tar-roti. Hija ma kellha l-ebda problema biex tivvjaġġa, sakemm linja tal-ajru rrifjutat li tħalliha titla' abbord għal-raġunijiet ta' sikurezza, kontinġenza prevista mil-leġiżlazzjoni Ewropea rilevanti, bil-kundizzjoni li tingħata ġustifikazzjoni adegwata. Hija tqis li kienet vittma ta' diskriminazzjoni inġusta u titlob reviżjoni tar-regolamenti rilevanti.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-8 ta' Mejju 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Lulju 2014

L-objettiv tar-Regolament (KE) 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità u ta' persuni b'mobilità mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru, hija li dawn il-passiġġieri jiġu protetti minn diskriminazzjoni u biex ikunu jistgħu jivvjaġġaw bl-ajru daqs il-passiġġieri l-oħra. Wara li sar impenn mill-Kummissjoni fir-rapport tagħha dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) 1107/2006 ta' April 2011 (COM(2011)166) u sabiex tkompli tittejjeb l-applikazzjoni tar-Regolament, il-Kummissjoni ppubblikat, f'Ġunju 2012, linji gwida interpretattivi biex tīgħi ffaċilitata l-applikazzjoni għall-fornituri tat-trasport bl-ajru u l-passiġġieri b'diżabilità. Dawn il-linji gwida tfasslu fkooperazzjoni mal-partijiet interessati u partikolarmen ma' rappreżentanti ta' persuni b'diżabilità (Forum Ewropew dwar id-Diżabilità) li approvawhom bis-sħiħ.

Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament, il-passiġġieri ma għandhomx jiġu rifjutati la l-prenotazzjoni u lanqas l-imbark għal raġunijiet ta' diżabilità jew mobilità mnaqqsa. L-Artikolu 4 tar-Regolament jipprevedi derogi taħt ċerti ċirkostanzi mid-dritt tat-transport, partikolarmen "sabiex jiġu sodisfatti rekwiżiti ta' sigurtà applikabbi stabbiliti mil-liġi internazzjonali, Komunitarja jew nazzjonali jew sabiex jiġu sodisfatti rekwiżiti ta' sigurtà stabbiliti mill-awtorità li ħarġet iċ-ċertifikat ta' operatur tal-ajru lit-trasportatur bl-ajru konċernat". Il-ħtiġijiet tas-sikurezza huma definiti mill-awtoritajiet esterni (u mhux mill-kumpaniji tal-ajru) u għandhom l-iskop li jiżguraw is-sikurezza tal-passiġġieri kollha u l-persunal abbord l-ajrupal. Meta l-persuna b'diżabilità jew persuna b'mobilità mnaqqsa tiġi rrifjutata l-imbark, għandha tingħata d-dritt li tieħu rottta differenti bl-ajru.

Fir-rigward tal-kwistjoni tal-persuni li jakkumpanjawha, ir-Regolament (KE) 1107/2006 jispeċifika li skont l-Artikolu 4(2) dawn għandhom biss ikunu konformi tal-ħtiġijiet ta' sikurezza applikabbi. Il-linji gwida interpretattivi msemmija hawn fuq jipprovdu spjegazzjoni ulterjuri dwar din il-kwistjoni taħt Q5, bl-insistenza fuq il-ħtieġa li l-assistenti jirrispettaw ir-rekwiżiti ta' sikurezza applikabbi biss. Barra minn hekk, raġunijiet dettaljati, inkluża spjegazzjoni ċara u preċiżha b'riferiment għal-leġiżlazzjoni relevanti, għandha tingħata mill-kumpanija tal-ajru. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni, f'dawn il-linji gwida, tirrakkomanda li jekk il-kumpaniji tal-ajru jesīġu li persuni b'diżabilità jivvjaġġaw b'assistenza, dawn l-assistenti għandhom jingħataw il-possibilità li jivvjaġġaw mingħajr ħlas jew b'rata mnaqqsa.

Skont id-data statistika pprovduta lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbi għall-infurzar tar-Regolament (KE) 1107/2006 (NEBs) u ppubblikata mis-servizzi tal-Kummissjoni f'Mejju 2014, in-numru ta' lmenti dwar problemi bl-applikazzjoni tar-Regolament huwa baxx ħafna, li juri li, b'mod ġenerali, ir-Regolament jidher li qed jaħdem sew.

### Konklużjoni

Skont data disponibbli, l-NEBs jirċievu biss ammont żgħir ħafna ta' lmenti dwar funzjonament ġażin tar-Regolament (KE) 1107/2006, li juri li, ġeneralment, ir-Regolament jaħdem sew.

Il-linji gwida interpretattivi tal-2012 intlaqgħu tajjeb, b'mod partikolari mir-rappreżentanti Ewropej ta' organizzazzjonijiet tad-diżabilità bħala pass 'il quddiem biex titjeb l-esperjenza tal-ivvjaġġar għall-persuni b'diżabilità u biex ikunu jistgħu jużaw it-trasport bl-ajru daqs passiġġieri l-oħra.

Il-petizzjonanta għandha tingħata r-rakkmandazzjoni li tagħmel użu mill-proċeduri ta' lmenti skont ir-Regolament (KE) 1107/2006 u tippreżenta lment mal-uffiċċju kompetenti nazzjonali ta' infurzar fis-sens li d-drittijiet tagħha ma ġewx rispettati. Lista ta' NEBs tinstab fuq il-website tal-Kummissjoni Ewropea:  
[http://ec.europa.eu/transport/themes/passengers/air/doc/prm/2006\\_1107\\_national\\_enforcement\\_bodies.pdf](http://ec.europa.eu/transport/themes/passengers/air/doc/prm/2006_1107_national_enforcement_bodies.pdf).